MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 585/2010

**Go Plc (C-22334)**
**Vs**
**Caroline Borg (K.I. 542691M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ elf, mija u sittax-il ewro u tnejn u sebghin centezmi (€1116.72) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru 40099760 u 10208682 skond diversi kontijiet mibghuta lilha u skont kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mat-talba mmarkati IZY 1, 2 ,3 u 4..

Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata.

Ra li l-konvenuta naqset li tidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tal-10 ta' Gunju, 2010 mill-Avukat Dr. Ingrid Zammit Young.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------